**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 280/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Yousef Hammat**

**Mohamed Lassad Briki**

Illum, 15 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Yousef Hammat u Mohamed Lassad Briki, akkużati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Lulju, 2021, u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer:

1. Iffalsifikaw, bidlu jew għamlu xi tibdil f'passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess tagżhom xi passaporti li huma kienu jafu li ġew iffalsifikati, mbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. Kif ukoll talli xjentament għamlu użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap. 9, Sec. 189 tal-Liġijiet ta' Malta);
3. Kif ukoll mingħajr awtorita' leġittima, użaw jew kellhom fil-pussess tagħhom xi dokument meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Sec. 32(1) (f) tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputati Yousef Hammat u Mohammed Lassad Briki ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kkundannathom għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva kull wieħed. Ordnat il-konfiska ta' Dok KR9 favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali *stante* li ma ġewx maħtura esperti f'dawn il-proċeduri.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Yousef Hammat u Mohamed Lassad Briki, ppreżentat fit-12 ta' Awwissu, 2021, fejn talbu lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabet lill-appllanti ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom u kif ukoll tikkonferma d-*decide* dwar l-ispejjeż tal-esperti, tvarja l-piena inflitta, billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeċi tal-każ.

Rat l-aggravji imqajjma mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti huwa dirett unikament lejn il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront ta'l-appellanti ta' sitt xhur priġunerija billi jidhrilhom li din il-piena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva kemm fil-kwalita' tagħha kif ukoll fil-kwantita' u li ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tal-ħatja. Illi l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi

għoġobha teroga l-piena ta' priġunerija effettiva u dan wara li l-appellanti, debitament assistiti, irreġistraw ammissjoni inkondizzjonata għall-akkużi kollha lilhom addebitati. Illi *di piu'* minn qari tal-verbal tas-seduta tat-28 ta' Lulju 2021 jirriżulta illi:

> **"Il-Qorti wissiet lill-imputati bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħhom, ossia il-piena li tikkontempla l-liġi ghar-reati odjerni."**

Dan għandu jfisser allura illi, konsapevoli tal-piena li setgħu jiffaċċjaw, l-appellanti, debitament assistiti, għażlu xortawaħda li jammettu għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u ħallew f'idejn il-Qorti timponi dik il-piena li dehrilha li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi.

Illi t-tagħlim ġurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

> **"…The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. …..**
>
> **As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**
>
> **""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. …. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

> **This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]"**

Illi l-artikolu 142(1) tal-*Criminal Justice Act 2003* fl-Ingilterra jistabilixxi ħames prinċipji li għandhom jiġu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bħala:

> ***(a) the punishment of offenders***
>
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
>
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
>
> ***(d) the protection of the public***
>
> ***(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.***

Illi allura min hu imsejjaħ biex jiġġudika ma għandux iħares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata iżda għandu jara illi jħares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-soċjeta in generali billi jagħti dik il-piena li għandha isservi bħala kastig għal min jikkometti r-reat, li tara li twassal għat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati oħra, li tista' twassal għar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-ħati, li tagħti il-ħarsien meħtieġ lil pubbliku u li l-ħati jagħmel reparazzjoni għal ħażin li jkun għamel.

Illi l-appellanti ġew mixlija u misjuba ħatja tar-reati maħsuba fl-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta li jġorr il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn, tar-reat imfassal fl-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali li jiġi punit bil-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena, u finalment bir-reat misjub fl-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta li jġorr il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra. Jirriżulta mis-sentenza appellata, imbagħad, illi l-Qorti tal-Maġistrati applikat ukoll l-provvedimenti ta'l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali billi kien jirriżulta l-konkors ta' reati u ta' pieni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti, għalkemm ma jiġix indikat liema sub-inċiż qed jiġi applikat. Il-Qorti, madanakollu tista' tifhem mill-

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

*quantum* tal-piena erogata illi kien qed jiġi applikat is-sub-inċiż (h) għall-artikolu 17, bl-Ewwel Qorti allura teroga il-piena għar-reat l-iktar gravi u cioe' dak li jaqa' taħt il-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta li jġorr il-piena tal-priġunerija bejn sitt xhur u sentejn. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti erogat dik il-piena fil-minimu assolut tagħha biex b'hekk allura wieħed mill-ilmenti imqanqla mill-appellanti u cioe' illi l-piena hija eċċessiva fil-kwantita' tagħha ma jistħoqqilhiex akkoljiment. Kif tajjeb qalet din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Rabia YAVUZ u Muzekka DENERI[2]":

> **26. Il-piena ta' priġunerija għar-reati li l-appellanti ammettew u ġew misjuba ħatja tagħhom ma kienetx żbaljata fil-prinċipju kemm minħabba li dawn huma meqjusa bħala reati ta' natura serja, li jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, anke jimminaw is-sigurta tal-Istat, kif ukoll minħabba li n-numru ta' persuni li jinqabdu jikkommettu reati ta' din in-natura sploda l-fuq f'dawn l-aħħar snin.**

Illi l-appellanti jappellaw għal klemenza tal-Qorti billi jikkontendu illi huma ma għandhomx jeħlu piena restrittiva tal-liberta' tagħhom f'ċirkostanzi fejn huma qed ifittxu ażil politiku mill-persekuzjoni li minnha qegħdin ibatu f'pajjiżhom. Jispjegaw illi huma diġa' fittxew ażil politiku ġewwa l-Greċja, iżda dan ma ingħatalhomx, u wkoll jilmentaw illi ġew trattati ħażin f'dan il-pajjiz, ma sabux impjieg u għalhekk kellhom jitilqu biex ifittxu futur aħjar ġewwa l-Belġju. Isostnu illi huma kellhom iħallu lil familji rispettivi tagħhom u lil uliedhom f'pajjizhom sabiex ifittxu impjieg biex ikunu jistgħu imantnuhom.

Issa l-Qorti tista' tifhem dawn iċ-ċirkostanzi tal-ħajja diffiċli ta' persuni persegwitati f'pajjiżhom minħabba it-twemin politiku tagħhom, tant illi jiġu kostretti jaħarbu biex ifittxu il-kenn f'pajjiżi oħra. Kif tajjeb stqarret din il-Qorti (diversament ippresjeduta) fis-sentenza su-iċċitata:

> **29. L-esperjenza turi li l-maġġor parti ta' dawn il-każijiet ikunu jinvolvu mhux biss il-persuni li jiddeċiedu li jivjaġġjaw b'dokumenti tal-identita jew passaporti foloz, iżda jinvolvu wkoll xibka ta' persuni li jifformaw parti minn organizzazzjonijiet kriminali mifruxa mad-dinja kollha, attrezzati sa snienhom u organizzati tajjeb, li japprofittaw minn min ikun irid jivjaġġja minn pajjiż għall-ieħor bl-użu ta' dawn id-dokumenti tal-identita jew passaporti foloz. Dawn l-organizzazzjonijiet kriminali jipprovdu servizz,**

[2] Deċiża 06 ta' Awwissu 2021

**ġieli komplut, għal min ikun irid jivjaġġja b'mod illegali biex jidħol fl-Unjoni Ewropea kemm minn barra l-Unjoni kif ukoll minn pajjiż għall-ieħor tal-Unjoni Ewropea meta dawn il-persuni li jridu jivjaġġjaw mhux neċessarjament ikollhom id-dritt li jidħlu f'dan it-territorju.**

Illi fil-fatt ma hemmx dubbju illi dawn in-nies, sforz id-disperazzjoni tagħhom, jispiċċaw vittmi tar-rebgħa ta' dawn l-organiżazzjonijiet kriminali li jagħmlu kapital mit-tbatija u d-diffikultajiet li jkunu jinsabu fihom il-vittmi tagħhom. Fil-fatt mill-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanti lil pulizija mal-arrest tagħhom jidher illi huma ħallsu somma konsiderevoli ta' flus sabiex irnexxielhom jiksbu id-dokumenti foloz minn għand dawn il-kriminali.

Illi allura r-regola li dawn il-qrati dejjem segwew, u ċioe' illi f'każijiet bħal dawn, li fil-maġġior parti tagħhom ikunu każijiet tipiċi u allura jitqiesu bħala '*an open and shut case*, bil-ġudikabbli jitressaq bl-arrest, jammetti minnufih u l-Qorti imbagħad tgħaddi biex timponi piena karcerarja effettiva, ma tidhirx li qed isservi ta' ebda deterrent għal min hu iddisprat illi lest li jidħol għal kwalunkwe riskju biex jaħrab mit-tiġrib li jkun jinsab fih. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, madanakollu, illi r-rimedju ma jinstabx fin-natura u l-kwalita' ta'l-issentenzjar magħmul mill-qrati tagħna fil-konfront ta' dawn l-persuni li jidħlu fil-pajjiż b'mod illegali. Huwa id-dmir ta'l-Istat illi għandu jara illi l-konvenzjonijiet internazzjonali li jagħtu protezzjoni lil nies li qed ifittxu ażil politiku jiġu rispettati, u li allura anke f'dawk il-każijiet fejn persuni jispiċċaw inkarċerati minħabba illi jkunu rċevew il-kundanna maħsuba fil-liġi għar-reati minnhom kommessi, jingħataw dik l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex japplikaw għall-ażil politiku u li l-applikazzjoni tagħhom tiġi investigata u pproċessata bl-akbar ċelerita'. Illi l-qrati iridu neċessarjament iqiesu, meta jiġu biex jerogaw il-piena idonja għal kull każ ippreżentat quddiemhom, illi kemm jista' jkun ma jkunx hemm repetizzjoni ta' reati li kull ma jmur qed iżiedu fin-numru tagħhom b'periklu għas-sigurta' fil-pajjiż, u li organiżazzjonijiet kriminali li jagħmlu qliegħ minn din l-attivita' illegali ma jitħallewx jimirħu mingħajr ebda rażan u kontroll.

**'Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva diversi drabi, id-dhul f'Malta minghajr dokumenti jew b'dokumenti foloz hija haga serjissima, u li tincidi fuq is-sigurta` ta' l-iStat. Li wiehed anke jghaddilu mill-antiporta**

**ta' mohhu li dan jista' jkun kaz ta' sentenza sospiza juri kemm l-istituzzjoni tas-sentenza sospiza tista' tigi abbuzata. L-ewwel qorti f'dan il-kaz, tenut kont, kif inghad, li si trattava ta' dhul f'Malta b'dokumenti foloz, u fejn ma jirrizultax li kien hemm xi cirkostanzi specjali jew straordinarji li wassal ghal tali dhul b'dawk id-dokumenti, ghamlet sew li tat sentenza ta' prigunerija b'effett immedjat.[3]**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tista' tirriskontra ebda ċirkostanza speċjali u straordinarja bħal fil-każ imsemmi mill-abbli difensur tal-appellanti, ta' Yavuz u Deneri hawn fuq iċċitat, li jista' iwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti u għalhekk timponi piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni, kif qed jitolbu l-appellanti. Illi meta l-pieni alternattivi għal dawk ta' prigunerija kienu qed jiġu introdotti fis-sistema penali, gie superjorment deċiż illi:

**"Ma jistax ikun hemm dubbju li l-emendi, introdotti recentement fil-ligi kriminali maltija, f'materja ta' penologija, huwa ferm enkomjabili, u korrettement ispirati ghal koncett reformattiv tal-piena, u jistghu ikunu ta' gid kbir anke ghas-socjeta, BASTA pero li jigu applikati fil-kazijiet fejn ghandhom ikunu applikati – diversament l-iskop ta'l-emendi jigi travizat, u jigi anke frustat l-effett taghhom. Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –**

**' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**

**Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**

**'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[4]"**

---

[3] Il-Pulizija vs. Mohammed Haga deċiża fl-20 ta' Mejju 2010

[4] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino- Qorti Kriminali – 30/03/1963

Illi l-fatti indikati fir-rikors ta'l-appell u anke imsemmija mill-abbli difensur fit-trattazzjoni tiegħu li isawwru dan il-każ, kif indikati iktar 'il fuq, ma humiex rispekkjati fl-atti billi ma hemmx l-iċken prova li tikkonferma dak minnu sottomess, fatti li allura jistgħu iwasslu lil din il-Qorti tqies jekk f'dan il-każ hemmx dawk iċ-ċirkostanzi li jimmeritaw konsiderazzjonijiet differenti minn dawk magħmula mill-Ewwel Qorti. Illi l-Qorti tqies illi dawn il-każijiet ma għandhomx jibqgħu jiġu trattati mill-investigaturi, fil-kors ta'l-investigazzjonijiet minnhom kondotti, u imbagħad mill-Prosekuzzjoni fil-qorti, b'mod uniformi mingħajr ma jiġu ndagati iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ b'mod individwali. Dan għandu jsir sabiex jiġi mistħarreġ jekk każ ikunx wieħed ġenwin fejn persuna tkun tassew ħaqqha tfittex ażil politiku, u każijiet oħra li ma jkunux daqstant ġenwini, u li allura l-Qorti tiġi mogħnija bi provi f'dan ir-rigward li jistgħu igħinuha tqies il-kwalita' u il-kwantita' tal-piena li għandha tiġi erogata f'kull każ għalih. Wasal iż-żmien illi dawn il-każijiet ma jibqgħux jiġu trattati b'mod riġidu u li jsegwu dejjem l-istess regola, billi kull każ għandu iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu li jsawwruh.

Illi dan magħdud, madanakollu, billi f'dan il-każ il-Qorti ma għandhiex provi f'idejha li jistgħu jsaħħu l-argumenti imqanqla mill-appellanti fir-rikors tagħhom tal-appell, hija ma tista' ssib ebda mottiv li jista' igiegħlha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta huma ġew ikkundannati għal piena ta' sitt xhur priġunerija, piena li *del resto* mhijiex waħda eċċessiva, iżda hija fil-minimu assolut.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata, b'dan illi tagħmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jagħti l-assistenza kollha meħtieġa lill-appellanti biex ikunu jistgħu japplikaw għall-ażil u li jassistiehom tul il-proċess li jsegwi wara tali applikazzjoni.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur Facilita Korretiva ta' Kordin u lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni.

Edwina Grima

Imħallef